**30 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Buttigieg u Doris Bonello

**Kolliżjoni — Main road user — Side road user — Right of way — Reg. 64, Traffic Regulations.**

*Is-side road user għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-main road, għandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma joħroġ fiha, għandu l-obbligu li jimxi "dead slow" u li saħansitra jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara.*

*Il-main road user ukoll għandu joqgħod attent fil-cross roads,*

*imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa farin anqas. għax hu ma jkunx qed jiddisturba l-kors tat-traffiku imma jkun miexi għad-dritt.*

***Min għandu ir-"right of way" ma għandux jisforza indebitament dan id-dritt tiegħu.***

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha l-imsemmi George Buttigieg ġie imputat talli, f'tas-Sliema, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 1962, fil-għaxra (10) ta' fil-għodu, saq van minn Dingli Street (1) b'manjera traskurata (2) b'ġiri aktar milli jmissu (3) naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien riesaq lejn salib it-toroq (4) barra minn dan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini, u b'inosservanza ta' regolamenti, ħabat mal-car imsemmi aktar 'il quddiem, u kkaġunalu ħsara għad-danni ta' Aldo Bonello u (5) ikkaġuna ħsara fil-van li kien qed isuq għad-dannu ta' Charles Bruno Fraser, — bit-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat mill-linċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal mhux anqas minn tmien (8) tijiem;

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imsemmija **Doris Bonello** quddiem dik il-Qorti, li biha din ġiet imputata talli, fl-istess post, jum u ħin, saqet car minn Dingli Street (1) b'manjera traskurata (2) b'ġiri aktar milli jmissha (3) naqset li tieħu l-prekawżjonijiet meħtieġa meta kienet riesqa lejn salib it-toroq (4) u barra minn dan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini, u b'inosservanza ta' regolamenti, ħabtet mal-van fuq imsemmija, u kkaġunatilha ħsara għad-dannu ta' Bruno Fraser, — bit-talba tal-Prosekuzzjoni u li tiġi skwalifikata mill-liċenzji tagħha tas-sewqan għal żmien mhux anqas minn tmien (8) tijiem;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tletin ta' Jannar 1963 li biha sabet lill-imputat **Buttigieg** ħati biss tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, din assorbita f'dik, — illiberatu mit-tieni, u iddikjarat il-proċediment eżonorit fuq l-imputazzjonijiet l-oħra,

stante rinunzja tal-parti danneġġata, — u lliberatu taħt kondizzjoni, — u sabet lil *imsemmija* **Bonello** ħatja biss tat-tielet imputazzjoni, illiberata mill-ewwel u t-tieni waħda, u ddikjarat eżawrita, stante rinunzja, ir-raba' imputazzjoni — u lliberata wkoll kondizzjonatament;

Iż-żewġ imputati appellaw kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tagħhom,

Din il-Qorti kkunsidrat:

In effett, **Buttigieg** ġie misjub ħati ta' sewqan b'manjiera traskurata, u talli ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien riesaq lejn salib it-toroq, u **Bonello** ġiet *misjuba* ħatja talli naqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kienet riesqa lejn salib it-toroq. Ċertament, din il-Qorti ma hijiex speċifikament imsejħa biex tgħid min miż-żewġ appellanti kien responsabili għall-kolliżjoni, imma biss biex tara, in linea ta' reviżjoni tas-sentenza appellata, jekk ġewx pruvati dawk l-imputazzjonijiet għak-kariku tal-appellanti rispettivament, kif irriteniet l-ewwel Qorti. Iżda, hu inevitabili li, fil-kors ta' dan l-eżami, tidħol ukoll id-dinamika tal-kolliżjoni, in kwantu tista' *tixħet dawl fuq dawk l-imputazzjonijiet.* Dan *l-inċident* stradali ġara fil-lokalità, indikata fl-iskizz fol. 5 — lokalità abbastanza konoxxuta, *li tiċċentra fuq* Dingli Street f'dak il-pont jew fil-viċinanzi ta' dak il-pont fejn hemm mal-ħames toroq oħra li jisbokkaw fiha. Bonello kienet oriġinarjament ġejja minn Tower Road, u kienet ġà daħlet u qabdet *il-kors* tagħha f'Dingli Street, wara li għaddiet mill-korsija, jew lane, tannofs għal ġewwa Dingli Street. Buttigieg kien ħiereġ minn Windsor Terrace, li hi triq laterali għal Dingli Street. L-inċident għandu jiġi viżwalizzat in relazzjoni għal dan il-pont fejn it-triq Windsor Terrace tiżbokka fuq Dingli Street, għax, kif

juri l-**point of impact**, indikat fuq l-iskizz, Bonello kienet ġà ħalliet Tower Road, u kienet ġa *qeda tipperkorri* **għad-dritt** Dingli Street, meta sar l-iskontru.

*Ma hemmx* dubju li Bonello kienet il-**main road user**, u *li Buttigieg kien is-***side-road** *user. Il-posizzjoni ta' dawn iż-*żewġ utenti tat-triq ġiet studjata **funditus** minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-*Appell Kriminali Pul. vs.* Galea 5 ta' Settembru 1953, Vol. XXXVII, Parti IV, p. 1137 fejn, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza u d-dottrina in propositu, ampjament hemm ċitata u kienet ikkonkludiet hekk —

> "Għalhekk fis-sistema Malti, is-side road user għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-main road, għandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road, qabel ma joħroġ fiha, għandu l-obbligu li jimxi **dead slow** u li saħansitra *jwaqqaf,* biex *u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ* bla ħsara, — u l-main road user ukoll għandu joqgħod *attent fil-cross roads,* — **imma l-grad ta' diliġenza li tinkombi lilu hu ferm anqas, għax hu ma jkunx qed jiddisturba l-kors tat-traffiku imma jkun miexi għad-dritt."**

Fil-każ preżenti, l-obbligu ta' Buttigieg kien aktar aċċentwat biċ-ċirkostanza speċjali li l-isbokk minn Windsor Terrace għal ġew Dingli Street, lejn il-parti tal-lemin, hu ul*terjorment mgħotti bi sporġenza tal-bini fuq dik in-naħa, kif* juri l-iskizz, b'mod li l-viżwali tkompli tinħeba kwantu għal vejkoli li jkunu *ġejjin, kif kienet ġejja* Bonello, minn dik il-parti ta' isfel ta' Dingli Street. Din l-isporġenza l-Qorti, għal maġġor kjarezza, immarkata b'linja ħamra fl-iskizz.

Issa l-Qorti *tħossha sodisfatta mill-provi li l-appellant* Buttigieg daħal mis-side road (Windsor Terrace) ġew il-**main road** ċioè *ġew Dingli Street, mingħajr* ma qagħad attent biż-żejjed għat-traffiku fil-main road u, bħal Qorti tal-ewwel is-

tanza, ma tħoss li tista' tagħti kredenza lil versjoni tiegħu fis-sens li waqqaf u ħares qabel ma mbokka Dingli Street. Kieku għamel hekk, ma kienx ikun hemm ebda raġuni l-għaliex hu ma kellux jara *lill-car ta' Bonello*, li *ma* ngħad minn ħadd li kien moħbi wara xi traffiku ieħor, miexi jew wieqaf, *molto più* li, **giudicando** mill-pont tal-kolliżjoni, indikat fl-is- *kizz*, dan il-car ma kienx *rażenti* l-ħajt tax-xellug, *imma* kien abbastanza maqlugħ, b'mod li l-viżwali tas-side road user kienet ovvjament aktar miftuħa u estiża. Tabilfors *li* Buttigieg ħareġ b'mod li sorprenda lil Bonello, għax din kienet għad-dritt, *il-viżwali* tagħha kienet libera, fit-triq ċċċezzjonalment wisa', u ma kienx *ikun* hemm ebda raġuni *l-għaliex* hi kellha taħbat mal-van tal-appellant. Ma jirriżultax li hi kienet qegħda ssuq bi speed żejjed, tant li minn din l-imputazzjoni ġiet liberata mill-ewwel Qorti, u, ankorkè kienet, dan il-fattur seta' biss *talvolta jinfluwixxi fuq l-applikazzjoni* tad-**doctrine of last opportunity** fis-sens li min isuq bi speed moderat ikollu aktar l-opportunità li jirreaġixxi prontament u jirripara t-tort ta' ħaddieħor, — *imma qatt ma kien ineħħi li* kull reazzjoni tagħha simili kienet tkun appuntu għax Buttigieg ħareġ fil-main road **inkawtalment**. Kif ingħad, *il-viżwali* ta' Bonello kienet libera, mentri Buttigieg anki x'ħin ittermina l-kors tiegħu f'*Windsor* Terrace, kellu għad l-ostakolu ta' dik *il*-biċċa *bini* sporġenti fl-angolu fuq *il-lemin* ta' Point Street, li l-Qorti mmarkat b'linja ħamra fl-iskizz. Għal min joħroġ imprudentement minn dik il-kantuniera li Windsor Terrace tagħmel l-ewwel, fuq il-lemin, ma Point Street, imbagħad ma' Dingli Street, jista' jkun hemm *indubbjament sorpriżi*, u għalhekk teħtieġ attenzjoni fi grad ferm għoli, — infatti Dingli Street, **f'dan il-pont**, hi mimlija b'inkonjiti għal min joħroġ minn **side-road** tagħha. Ma hux *argument favur* l-appellant Buttigieg li spostament tal-van tiegħu, kif indikat fl-iskizz Id-difiża attribwit dan li spostament tal-van għal momentum tal-car tal-appellant l-oħra, imma din il-Qorti taħseb li dan kien aktarx dovut *għal dak li, bi frasi* skultorja, jissejjaħ

f'dawn l-inċidenti tat-traffiku "the agony of collision", u hu fatt li, *fl-orgażmu ta' dak il-mument tormentus,* driver jista' jagħmel manuvri ta' emerġenza inaspettanti, xi minn daqqiet proprju l-oppost ta' dawk li kien imessu għamel;

Għalhekk għar-rigward tal-appellant Buttigieg, is-sentenza appellata hija sewwa;

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, attesa anki t-topografija tal-post, din il-Qorti ma taħsibx li l-imputazzjoni, li tagħha l-ewwel Qorti sabet ħatja l-appellanti Bonello, tista' titqies sostanzjata. Ma jidhirx li hi naqset milli tieħu xi prekawzjoni, li setgħat raġonevolment tittieħed, x'ħin resqet lejn l-angolu in kwistjoni. Hu veru li kienet daqsxejn waħda skostata mix-xellug tagħha. Imma it-triq, li minha kienet qegħda tittransita, hi ferm wiesa', u ma jidhirx li dak il-mument hi kienet pressata b'xi **oncoming** traffic, jew b'xi traffiku li kien sejjer jissorpassaha, b'manjiera tali li kien jeħtieġ li tersaq proprju lejn *l-estremità tax-xellug. Anzi kif kien ubikat dan l-iskontru, kien* ikun agħar kieku kienet tħokk max-xellug, għax kienet tirrestrinġi aktar il-viżwali tal-vejkolu uxxenti minn Windsor Terrace, u anki tnaqqaslu l-opportunità ta' xi manuvra evasiva. Il-Prosekuzzjoni invokat għar-rigward tal-appellanti Bonello d-dispost tar-reg. 64 tat-Traffic Regulations, u hu veru li dan ir-regolament jimponi anki lil **major road user** id-dover li joqgħod attent u jieħu l-kawteli kollha fil-kantunieri. Hu veru wkoll li, kif jirritiena drabi oħra l-Imħallef sedenti (ara Collez. Vol. XXIX, iv, p.740) min għandu r-**right of way** (bħal ma kellha b'liġi, reg. 64, l-appellanti li kienet fuq il-major road) ma għandux jisforza indebitament dan id-dritt tiegħu. Imma, fil-każ preżenti, ma jirriżultax li Bonello kienet b'xi mod qegħda toħloq, jew qegħda tikkontribwixxi għal xi ċirkostanzi li ddeterminaw is-sinistru stradali. Milli jidher hi kienet qegħda tipproċedi bi speed mhux żejjed. Hi qalet li dan kien ta' ħmistax (15) il-mil fis-siegħa, u li kienet għadha fuq is-second

gear u qegħda dieħla fit-top gear, u dan hu verosimili peress li kienet għadha kemm tidħol minn Tower Road, fejn hemm il-korsiji jew lanes, li flimkien ma dawra taħilfors jirrallentaw li speed. Is-Surġent Joseph Kamm qal li, meta interrogaha, Bonello qaltlu li hi kienet għaddeja bil-għoxrin mil fis-siegħa. Imma jista' jkun li din kienet effett ta' malintis, għax anzi żewġ l-appellanti Aldo Bonello qal li martu lis-Surġent semmietlu li speed ta' ħmistax (15) il-mil fis-siegħa. Fif ingħad, it-tratt tat-triq bejn fejn kienet l-appellanti, fil-mument ta' l-iskontru, u d-dawra minn Tower Road, hu talment qasir li aktarx li ma setgħatx, sa dak il-pont, itella' li speed ta' għoxrin (20) mil fis-siegħa. Dan kollu apparti li d-dinamika tas-sinistru, fiċ-ċirkostanzi tal-fattispeċje, ma kienitx determinata mill-ispeed tal-appellanti, li żgur ma kienx, f'dan il-każ, fattur ta' nuqqas ta' prekawzjoni. — u l-kwadru taċ-ċirkostanzi juri li l-appellanti, li kienet qeda ssuq għad-dritt, b'mod regolari, fuq il-major road, ġiet sorpriża bl-uxxita inaspettata u ex abrupto tal-appellant l-ieħor mis-side road li, kif ingħad, għal min hu ħiereġ, fuq il-lemin tiegħu, qabel ma jiżbokka fil-major road, hemm anki t-traversata tal-wisa' ta' Point Street, u l-blokk tal-bini li hemm fuq in-naħa ta' dik it-triq (Point Street), faċenti angolu ma' Dingli Street.

Għalhekk, tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell ta' Buttigieg, u, fil-konfront tiegħu, tikkonferma s-sentenza appellata, u tilqa' l-appell ta' Bonello, tirrevoka fil-konfront tagħha s-sentenza appellata, u, wara li tiddikjaraha mhux ħatja tal-imputazzjoni fuq imsemmija, tordna li tiġi liberata inkondizzjonatament.